# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Marz 2001

Rikors numru 685/2000 AJM

Kawza numru

Wara l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2000
Julian Camilleri, personalment u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' ATC Plastics Ltd
Vs
Kummissarju tat-Taxxi Interni

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentata minn Julian Camilleri pro et noe fit-12 ta' April 2000 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tiddikjara li ebda ammont ma hu dovut a tenur ta' l-ittra ufficjali imsemmija.

Rat ir-risposta tal-intimat fejn oppona t-talba tar-rikorrent.

Semghet lir-rappresentant tad-dipartiment u lill-istess rikorrent.

Hadet konjizzjoni tal-fatt li l-kawza giet differita ghal tlett darbiet sabiex r-rikorrent jipproduci l-provi tieghu izda dan naqas hlief li fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2001 stqarr li ma kienx ghamel il-verifiki tieghu.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Frar 2001 ghal liema data l-kawza kienet giet imhollija sabiex r-rikorrent jikkonkludi l-provi tieghu u fliema data huwa ma deherx u lanqas ressaq provi u ghalhekk ir-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

B'ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2000 ir-rikorrent kien gie interpellat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jhallas is-somma ta' LM11,624 allegatament dovuta ghal diversi ragunijiet fosthom taxxa, kontribuzzjonijiet ghas-sigurta socjali u taxxa addizzjonali.

Ir-rikorrent qed jallega li l-ammont mitlub mhux dovut inkwantu fl-1999 ma kienx hemm nies impjegati mas-socjeta' ATC Plastics Ltd filwaqt li fil-1998 kienu nbaghtu l-formuli rikjesti izda ma sar ebda pagament.

Fir-risposta tieghu l-intimat irrileva li fir-rigward ta' dak allegat dwar impjegati tas-socjeta' fis-sena 1999 huwa kien dispost "*jaccetta tali allegazzjoni bhala veritjera jekk ir-rikorrent jissottometti dikjarazzjoni bil-miktub dwar dan.*" Dwar is-sena 1998 l-intimat irrileva li huwa kien qed jitlob l-istess ammonti li gew dikjarati izda mhux imhallsa mill-istess rikorrent. U finalment fir-rigward tat-taxxa u kontribuzzjonijiet addizzjonali dawn kienu dovuti "ex lege".

Ix-xhud Emmanuel Gatt, principal officer mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni prodott mill-intimat stqarr li wara r-rikors odjern saru verifiki mal-ETC u gie stabbilit li fis-sena 1999 is-socjeta' rikorrenti ma kelliex impjegati. Konsegwentement ma kien hemm ebda somma dovuta fir-rigward tas-sena 1998 u l-ammont effettivament dovut gie ridott ghall-hamest elef sitt mija u tlett liri maltin u disgha u tmenin centezimu (LM5603.89). Konsistenti fl-ammont ta' LM414 ghal FSS, LM4894.89 social security payments, LM245 taxxa addizzjonali u LM50 addizzjonali fuq is-sigurta nazzjonali.

Ikkunsidrat:-

L-artikolu 466 tal-Kap 12 jiddisponi dwar procedura li tista' tigi adottata minn kap ta' dipartiment ghal gbir ta' xi kreditu dovut lill-istess dipartiment billi jipprovdi li id-direttur jista' jinnotifika lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju dikjarazzjoni guramentata maghmulha minnu fejn jindika ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.

Din id-dikjarazzjoni, debitament notifikata, jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti, kemm-il darba d-debitur ma jopponiex it-talba permezz ta' rikors ppresentat fi zmien ghoxrin gurnata minn notifika tal-istess dikjarazzjoni fejn jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala infondata.

Illi mix-xhieda ta' Emanuel Gatt jidher, ex admissis, li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kienetx gustifikata, almenu in parti, billi minn verifiki li saru mill-istess dipartiment irrizulta li s-socjeta' konvenuta ma kelliex impjegati fis-sena 1999.

Issa jidher li l-artikolu fuq imsemmi jaghti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jew kull direttur ta’ dipartiment tal-Gvern li juzufruwixxi ruhhu minnu, titolu ezekuttiv ghall-ammont kollu hemm indikat u mhiex fil-kompetenza tal-Qorti li tvarja dak it-titolu billi tirriduci l-ammont hekk dikjarat ezegwibbli b’mod li thalli l-istess titolu validu fil-konfront tal-bilanc rizultanti bhala dovut. Ghalhekk f’kas li l-ammont dikjarat ezegwibbli bhal kull titolu ezekuttiv ma ma jirrizultax kollu dovut, l-unika possibilita’ tal-qorti hija dik li tiddikjara l-ittra ufficjali nulla b'riserva ghall-kummissarju tat-Taxxi Interni ghal kull dritt spettanti lid-dipartiment skond il-ligi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddikjara nulla u bla effett l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Marzu 2000 b’riserva ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif fuq inghad.

Spejjes ghall-intimat.

Onor Imhallef Albert J. Magri